# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR**

**Gudikatur DR. Leontine Calleja LL.D**

Udjenza nhar, 5 ta' Marzu, 2025

Avviz tat-Talba numru: 140/2023 CL

**George Camilleri (KI nru: 429646M)**

**VERSUS**

**Raymond Azzopardi (KI nru: 327177M)**

It-Tribunal;

Ra l-Avviz tat-Talba prezentat nhar it-13 ta' April, 2023 fejn intalab sabiex il- konvenut jhallas danni fl-ammont ta' erbat elet tlett mija u hamsa u ghoxrin euro (€4325) jew kull somma verjuri rapprezenant in kwantu ghas-somma tal €2,325 konsisteniti f'danni rapprezentanti spejjez ta' intervent mediku liema danni gew ikkawzati lil attur mit-tifel minuri tal-konvenut waqt illi l-istess konvenut naqas li jiehu hsieb lil ibnu bhala *bonus paterfamilias* biex il-fatt ma jigrix. Illi in kwantu r-rimanenti somma tal €2000 li jirraprezentaw hlas li kien gie imwieghed mill-konvenut ghal diversi servizzi rezi mill-attur skond ftehiem li kien gie pattwit bejniethom.

Fil-kaz prezenti, il-konvenut gie debitament notifikat bl-atti processwali permess ta' pubblikazzjoni u affissjoni fl-24 ta' Awwissu 2023. Fis-seduta ta' wara deher il-konvenut assistit mill-avukat tieghu li inghata l-opportunita' jipprezenta rikors sabiex jiggustifika l-kontumajca tal-konvenut.Illi minkejja li sar dan ir-rikors fl-ebda hin ma iggustifika l-kontumacja tieghu u ghalhekk dan ir-rikors gie michud.

Ghalkemm kontumaci, tali stat silenzjuz ma jfissirx li l-parti konvenuta qed tammetti dak allegat u/jew pretiz mill-parti attrici, l'ghaliex xorta wahda jibqa' d-dmir ta' din l-ahhar parti li tipprova l-kaz taghha sa' dak il-grad probatorju rikjest mil-Ligi. Fill-kawza **Giuseppe Gerada v. Salvu Attard** ingahd illi "*ghalkemm il- konvenut jibqa' kontumaci, dan ma jaghtix lok ghall-*

*prezunzjoni ta' abbandun tal-liti, ghad-difett ta' eccezzjonijiet legittimi, jew ghal adezjoni ghad-domanda; imma, inveci, ghas-suppozizzjoni ta' rimessjoni ghall-gustizzja tat- tribunal.*[1]"

Ikkunsidra;

Ra l-atti processwali kollha u d-dokumenti ipprezentati.

It- Tribunal ra' d-dokumenti li gew ipprezentant fosthom l-affidavit tal-attur li allega zewg pretensjonijiet, li l-operazzjoni tal-ftuq li swiet €2325, kellha ssir minhabba f'incident, kagun tat-tifel tal-konvenut; u li l-konvenut kien weghdu €2000 biex jghinu jasal fi ftehiem ma' martu f'separazzjoni ta' bejniethom. Xehed Dr. Ryan Buhagiar bhala raprrezentant ta' St. Thomas Hospital li ikkonferma li kienet saret operazzjoni ta' ftuq fuq George Camilleri fit-28 ta' Jannar 2022, hu ma kienx it-tabib tieghu izda mid-dokument seta' jikkonferma li kien sar keyhole surgery biex isewwi ftuq u l-operazzjoni jien jiswa €2325 kif jidher mid-dokument Dok RB1.

B'referenza ghal-ewwel talba, it-Tribunal ser jilqa' t-talba stante li hemm il-prova li sar l-inervent allegat mill-attur bil-gurament. Dwar it-tieni parti tat-talba tieghu u cioe li l-konvenut weghdu €2000 tali ghin lil-konvenut jasal fi ftehiem ghas-separazzjoni ma' martu, ghalkemm jghid illi l-mara tal-konvenut kienet tat il-kunsen taghha biex l-attur jghinu sabiex jilhqu ftehiem ma giet ipprezentata ebda prova ta' dan l-intervent u li verament l-intervent tieghu kien wasal ghal-ftehiem ansi hu jghid li *skond l-informazzjoni li ghandi jien, huma kienu wasli fi ftehiem bis-sahha tieghi*. M'hemm ebda indikazzajjoni meta kien sar l-intervent tal-attur bejn il-konvenut u martu u ghalkemm fl-affidavit jghid illi ghamel zmien twil jikkorrispondi bejnitehom ma ingibet ebda prova dwar dan u ma gabx il-prova minn fejn kien ottjena l-informazzjoni li huma waslu fi ftehiem bl-itervent tieghu jew jekk verament waslu fi ftehiem.

Illi t-Tribunal gie infurmat li l-attur miet matul il-kawza u ghalkemm kien hemm numru ta' differimenti sabiex ssir il-legitimazzjoni tal-atti, id-difensur tal-attur talab sabiex il-kawza titkompla a bazi tal-artikolu 180B tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta stante li kienu ghaddew sitt xhur minn meta miet l-attur u b'hekk il-kawza setghet titkompla u talab sabiex il-kawza tmur ghas-sentenza. Illi minhabba n-nuqqas ta' provi dwar it-tieni pretensjonijiet din it-talba mhux ser tintlaqa'.

Ghaldaqstant, it-Tribunal, jaqta' u jiddeciedi din l-azzjoni billi jilqa' it-talba limitament ghal-ammont ta' elfejn mitejn u hamsa u ghoxrin euro (€2,325) bl-imghax mid-data tal-kawza odjerna sal-hlas shieh u effettiv. L-ispejjez tal-kawza ghandhom jithalsu nofs mill-attur u nofs mill-konvenut.

**Avukat, Leontine Calleja LL.D.**
**GUDIKATUR**

[1] Giuseppe Gerada v. Salvu Attard (Appell Kummercjali, 6 ta' Novembru, 1959)